# EPIGRAMMI

*Ta'* V. Caruana

### MINN FUQ GHAL ISFEL

L-imgħallem għajjat mal-lavrant li meta
Id-dar mar irrabjat, ta xebgħa 'l mara.
Bin-nervi l-mara mbagħad lit-tifel sawtet
U t-tifel ta 'l-qattus bis-sieq fuq wara.

### L-GHALLIEM POETA

Bl-għasafar fil-ventilatur tal-klassi
Ipespsu jpespsu, ma stajt ngħallem xejn,
U għalkemm jien qalbi tfur għall-poeżija
L-għasafar xtaqt li nifga mill-griżmejn.

### HUWA U HIJA

Iltaqgħu f'"dance". Talabha tiżfen miegħu,
U għamlu lejl jedhew fix-xorb u ż-żfin.
Xħin ħargu ftiehmu biex jiltaqgħu l-għada
Bla ma staqsew x'jisimhom lil xulxin.

### DAHKA

Paul kien spiss jara 'l Jane lejh tħares b'daħka
U qallha: "Int tidħakli għax trid illi
Inkellmek?" Wieġbet hi: "Jien mhux nidħaklek
Kont, iżda nidħak bik; ħmar, imbeċilli!"

### SKORJA

Eluf ta' nies iħarsu waqt li l-"player"
Kien bil-ballun quddiem il-lasti sewwa.
SieqU xejjirha u skorja "goal" bil-għaqal
Għax iż-żarbuna taret dritt għal ġewwa.

### IN-NISA U L-IRGIEL

Smajt tfajla tgħid li mara taf tħobb iktar
Minn raġel. Mela għaliex fil-kanzunetti
Hu r-raġel li tifħir jagħti lill-mara
U rari viċi versa? Trid tammetti!